# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tat-30 t'Ottubru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 872/2014**

**Il-Pulizija**
**(Robert Vella)**
**vs.**
**Jean Pierre Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Jean Pierre Baldacchino ta' ħamsa u tletin sena (35), bin Paul u Maria Dolores xebba Borg, imwieled ġewwa Ħ'Attard, nhar l-1 ta' Marzu, 1979, u joqgħod nru. 63, Triq San Mark, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' nru. 40879M:

Akkużat talli nhar l-14 ta' Settembru 2014, għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħaxija ġewwa l-Istadjum Nazzjonali sitwat ġewwa Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard, waqt li kienet qed tintlagħab il-partita futbol bejn Valletta u Hibernians:

1. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC1526 Charlon Borg, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurjajt, heddidt jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PC1526 Charlon Borg, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1526 Charlon Borg, skond kif iċċertifikat Dr. Rebecca Pisani MD (Reg. No. 3288) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, u dan bi ksur tal-Artikli 215 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li setgħet tinkiser il-buon ordni, u dan bi ksur tar-Regolament 6 tal-Liġi sussidjarja 10.33;
5. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod abbusiv, u dan bi ksur tar-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja;
6. Talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qedgħin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qad ta' dmirijiethom, u dan bi skur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-kundizzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Diċembru, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġ. Dr. G. Grixti LL.D.).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li fil-każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' skond il-liġi, tordna illi l-imputat ma jattendix fi *grounds* ta' sports għall-dak il-perijodu ta' żmien li din l-Onororabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat illi matul is-seduta tal-15 ta' Settembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

[1] Folio 10 tal-atti proċesswali.

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul l-istess seduta l-uffiċjal prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament.

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li matul is-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[2]

[2] Folio 101 tal-atti proċesswali.

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat***

Illi nhar l-14 ta' Settembru 2014, kien hemm lobgħa futbol bejn il-Belt u l-Hibernians (minn issa l-quddiem indikati bħala l-Hibs) ġewwa l-*ground* ta' Ta' Qali fejn kien hemm preżenti l-partitarji taż-żewġ timijiet, fosthom l-imputat Jean Pierre Baldacchino (magħruf ukoll bħala l-*Plakka*) li kien wieħed mis-*supporters* tal-Belt, kif ukoll il-Pulizija li kienu qedgħin jgħassu l-*ground* u jżommu l-kontroll meħtieġ tal-ispettaturi biex jinżamm il-paċi fil-kors tal-logħba. F'mument minnhom, speċifikatament wara *foul* li ingħata kontra t-*team* tal-Belt, xi uħud mill-partitarji ta' dan it-*team* bdew javviċinaw u jaqbżu l-gradi tal-ħadid li jagħtu għal dak li jissejjaħ in-*no mans land* fejn ikun hemm il-Pulizija stazzjonati. Il-Pulizija kellhom struzzjonijiet jaċċertaw li kull min mill-ispettaturi jinżel l-isfel biex jaqbeż il-gradi għandu jerġa jitla' lura f'postu.

Infatti kemm PC1390 Antoine Muscat u kif ukoll l-allegat vittma f'dan il-każ PC1526 Charlon Borg kellhom dan l-inkarigu u avviċinaw lill-partitarji tal-Belt u qalulhom biex jerġgħu jitilgħu lura f'posthom. Skond il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni PC1390 Antoine Muscat, skond kif xehed

hu stess, ma ġralu xejn. Biss waqt li PC1526 Charlon Borg allegatament kien qiegħed jindirizza lil terza persuna kien hemm l-imputat wara xi *supporters* oħrajn u f'mument minnhom ħareġ minn wara xi partitarji, avviċina lil PC1526, kellmu bl-għajjat u bl-herra, fajjarlu daqqa ta' ponn, u kaġun tagħha tajjarlu l-beritta tas-servizz u sofra offiża ta' natura ħafifa f'wiċċu.[3] Skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, fosthom il-Pulizija l-oħra li kienu preżenti, il-vittma PC1526 ma kienx ipprovoka dan il-komportament tal-imputat. Infatti lanqas biss kien qed ikellem lill-imputat, u meta tkellem, ma lissen l-ebda diskors insolenti jew dispreġattiv li seta' jispjega l-komportament aggressiv tal-imputat. Di piu Baldacchino kompla jhedded u jinsolenta lil vittma wara li taħ din id-daqqa.[4]

Mill-banda l-oħra skond l-imputat, kemm meta rrilaxxa stqarrija lil Pulizija skond il-liġi kif ukoll meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti, huwa ma jiċħadx li ħebb għal PC1526, iżda jgħid li rreaġixxa b'dan il-mod wara li PC1526 indirizzaħ billi qallu sabiex ma jindaħalx u uża kliem oxxen fil-konfront tiegħu.[5] Din il-verżjoni kif deskritta mid-Difiża ġiet kkoroborata wkoll minn xhieda in difeża fosthom James McKay u Daniel Attard. Huma allegaw li l-vittma għolla l-*isnare drum* tal-partitarji tal-Belt li kien qed jindaqq fuq quddiem fid-direzzjoni tal-

---

[3] skond kif iċċertifikat mit-Tabiba Rebecca Pisani Dok RP1 a folio 18 tal-atti proċesswali.

[4] Ara x-xhieda ta' PC1390 Antoine Muscat a folio 60 u x-xhieda ta' PS1243 George Polidano a folio 76 tal-atti proċesswali.

[5] liema diskors preċiż mhux ser jiġi ripetut minn din il-Qorti allavolja il-kliem allegatament użat minn PC1526 ġew ampjament apprezzati matul il-provi miġjuba - ara l-istqarrija tal-imputat u d-deposizzjoni tiegħu fl-atti.

imputat u minħabba f'hekk kienu weġgħu ukoll xi partitarji inkluż tifla zgħira.

*Ikkunsidrat*

Illi apparti l-provi li xehdu *viva voce* ġew ippreżentati wkoll żewġ filmati tal-partita li jiffukaw fuq partijiet differenti tal-istadjum fosthom fejn kien hemm l-imputat u fejn seħħ l-inċident mertu ta' dan il-każ. Fit-trattazzjoni tagħhom il-partijiet jagħmlu referenza wiesa' għal dawn il-filmati. Il-Prosekuzzjoni tqis li l-ħtija tal-imputat hija ċara daqs il-kristall filwaqt li d-Difiża ssostni li l-imputat ġie indirizzat mill-vittma u li tilifha minħabba d-diskors li qallu dal-kuntistabbli u dan apparti li wara kien il-vittma li waddab l-*isnare drum* fid-direzzjoni tal-imputat. Id-Difiża tqajjem ukoll dubbju dwar jekk filfatt kienx l-imputat li ta d-daqqa li qed jiġi akkużat biha.

Din il-Qorti kellha l-opportunita li tara dan il-filmat u ser telabora dwar il-kontenut tagħha iktar il-quddiem meta tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar kif seħħew il-fatti f'dan il-każ. Jibqa pero bħala stat ta fatt li l-imputat mhuwiex qed jiċħad li effettivament hu ħebb għall-uffiċjal PC1526 iżda hu qed jallega li tilef il-boxxla meta PC1526 allegatament offendieħ għal xejn b'xejn liema ċirkostanzi ġew aggravati wkoll mill-ansjeta' kkaġunata matul il-partita' li kien qed isegwi fil-*ground* f'dak il-waqt.

*Kusiderazzjonijiet dwar punti legali*

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva kif ukoll l-akkuża tal-ksur ta' liberta' kundizzjonata ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, l-imputat jistab akkużat bil-ksur tal-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqraw kif ġej:

> 95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan,[6] jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi min servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt eruo (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5000).
>
> 96. Kull min jattakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> Jekk l-attakk jew ir-resistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);

Apparti dawn ġiet kontestata wkoll l-imputazzjoni tal-offiża ħafifa taħt dak dispost fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali liema reat u konsegwentement il-piena huma aggravati skond dak dispost fl-artikolu 222(1)(c) minħabba l-fatt li l-vittma f'dan il-każ

[6] Inġurji, theddid u offiżi kontra l-Avukat Ġenerali, membri tal-ġudikatura jew ġurati.

huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u kwindi huwa meqjus bħala uffiċjal pubbliku filwaqt li kien fil-qadi ta' dmirijietu. Dan apparti l-imputazzjoni taħt l-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali addebitata lill-imputat stante li m'obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija jew li fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Apparti dawn ir-reati kif ravviżati taħt il-Kodiċi Kriminali, l-imputat jinstab mixli wkoll li kiser ir-regolamenti 6 u 7 tal-leġislazzjoni sussidjarja 10.33 senjatament ir-Regolamenti biex Jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-Isports li jitrattaw il-ksur tal-paċi u l-użu ta' kliem offensiv u aġir abbusiv ieħor filwaqt li tkun f'parti jew oħra tal-ground tal-isports.

***Ikkunsidrat***

Illi b'referenza għall-filmat eżebit in atti din il-Qorti kellha l-opportunita' li tevalwa dawn il-filmati sabiex tipprova tapprezza kif żviluppaw il-fatti ta' dan il-każ u finalment x'wassal għal dak ipotiżżat kemm fl-imputazzjonijiet kif ukoll fis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet. Minn dak osservat din il-Qorti hija tal-fehma illi l-filmat immarkat bħala 0059 li jinstab fis-CD immarkat bħala Ta' Qali Stadium Valletta vs Hibs u li jidher li nġibed minn PS404 Paul Camilleri huwa l-iktar filmat li jixħet dawl fuq l-inċident mertu ta' dan il-każ. Il-filmati l-oħra jiffukaw

fuq partijiet qabel jew wara l-inċident jew alternattivament jiffukaw fuq il-partitarji tal-Hibs fejn din il-kwistjoni li inqalat ma tidhirx.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ħin tal-filmat immarkat bħala .20 sa l-aħħar tal-filmat mnejn irriżulta li kien hemm xi partitarji tal-Belt li niżlu biex ipoġġu fuq jew jaqbżu l-ħadid li jagħti għal fuq in-*no mans land* u fejn hemm żewġ aġenti tal-Pulizija li jidhru li qed javviċinawhom fejn qed jitkellmu ma dawn il-partitarji u qed ituhom struzzjonijiet u ordnijiet biex jersqu lura f'posthom. Dan qed jingħad peress li din il-Qorti rnexxielha f'xi partijiet issegwi xi kliem li kien qed jingħad mill-partitarji li kienu qedgħin jiġu mitkellma mill-Pulizija mill-moviment ta' ħalqhom, b'mod li dawn setgħu jiġu mqabblin ma kliem mistqarr minn xi wħud mix-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti. Sfortunatament fil-filmat id-diskors li kien qed jingħad ma ġiex jinstema' u dan peress li jinstema' biss il-briju tal-partita li jgħatti kull ħoss ieħor. F'dan il-filmat partikolari jidher ix-xhud Taj Eddin Arab (li xehed matul dawn il-proċeduri) jiġi ndirizzat minn PC1390 Antoine Muscat. Fil-frattemp jidhru xi persuni oħra fil-viċin ta' dan ix-xhud li qed jitkellmu ma Pulizija ieħor, senjatament PC1526 fejn jidher li sa dak il-punt kull ma kien hemm huwa diskors bil-fomm. Il-partitarji tal-Belt jidhru kemxejn urtati wkoll u dan b'mod ġenerali għax skond dak li rriżulta mill-provi kienu għadhom kif qalgħu *foul* mir-*referee* favur it-*team* tal-Hibs. L-imputat jidher ukoll f'dan il-filmat fejn jidher iktar il-fuq minn Arab u minn dawn il-persuni l-oħra li nstemgħu minn din il-Qorti u li ma

jidhrux li xehdu f'dawn il-proċeduri. Għal dak li jirrigwarda l-komportament ta' Baldacchino, dan inizzjalment jidher kwiet fejn qed jisma' b'attenzjoni dak li qedgħin jgħidu l-Pulizija lill-partitarji li niżlu fuq quddiem iżda fejn essenzjalment mhux qed jitniffes. L-ewwel jidher li qed jiffoka fuq dak li kien qed jgħid PC1390 lil Arab u dan għall-biċċa l-kbira tal-filmat qabel ma nqala' l-inċident. F'daqqa waħda jidher li hu jaqleb il-fokalizazzjoni tiegħu fuq il-Pulizija l-ieħor li kien preżenti u ċioe l-allegat vittma f'dan il-każ u f'liema mument il-vittma jidher biċ-ċar li kien qed ikellem lill-ħaddieħor u mhux lill-imputat, tant illi Baldacchino kien madwar żewġ tarġiet iktar il-fuq minn fejn kien dan il-partitarju mhux identifikat u matul liema ħin ma kienx qed ilissen kelma. Improviżament l-imputat jidher jikkarga bir-rabbja fid-direzzjoni ta' PC1526 Charlon Borg, b' mod li kien jidher ikellmu bl-herra u bl-għajjat u f'daqqa waħda joħroġ idejh u jfajjar daqqa fid-direzzjoni ta' wiċċ PC1526 fejn jidher ċar li tajjarlu l-berritta wara li laqtu f'wiċċu. Ma jidherx ħaddieħor apparti l-imputat li ta din id-daqqa lil PC1526. Kwindi minn dan il-filmat, minn dak mistqarr mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u, sa ċertu punt, b'referenza wkoll għal dak mistqarr mill-istess imputat fl-istqarrija rrilaxxata minnu, il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien filfatt l-imputat li kkaġuna l-offiża fuq PC1525 matul dan l-inċident partikolari.

Jidher ukoll minn dak li svolġa wara li l-partitarji l-oħrajn kellhom iżommu lill-imputat milli jagħmel xi azzjoni aggressiva oħra fejn

Baldacchino jidher qed jindirizza wkoll lis-surġent li kien fuq il-post u qed javżaħ dwar il-preżenza ta' PC1526 fil-*ground*. Minn dak li din il-Qorti rnexxielha tifhem mill-moviment ta' ħalq l-imputat wara li kien fisikament aggredixxa lil PC1526, jidher li l-kliem li lissen ma kienx diskors paċifiku u rispettuż fil-konfront ta' PC1526. Dan magħqud ukoll mal-komportament kjarament irrabjat ħafna tant li Baldacchino kellu bżonn jiġi kkontrollat minn ħaddieħor. Din il-Qorti m'għandiex dubbju li l-imputat lissen kliem offensiv u aggressiv fil-konfront ta' PC1526.

Illi għal dak li jirrigwarda l-aġir ta' PC1526, qabel ma laqqat id-daqqa minn id l-imputat, mill-filmat stess din il-Qorti rat li dan l-Aġent tal-Pulizija kien qiegħed jindirizza persuna oħra u mhux lill-imputat. Din il-persuna l-oħra tidher li ma riditx titla lura f'postha. Mill-moviment ta' ħalq din il-persuna setgħet tintravedi espressjoni tixbaħ lil *jien hawn ħa nibqa*. Kwindi jidher li dan l-individwu ma kienx qed jobdi lil PC1526 meta dan taħ struzzjonijiet biex jitla lura f'postu, bħalma kien filfatt qed jagħmel il-kollega tiegħu PC1390 fir-rigward ta' partitarji oħrajn tal-Belt. Matul dan il-waqt l-imputat kien għadu sieket u irtirat lura mill-post fejn saret il-konfrontazzjoni bejnu u bejn PC1526. PC1526 jidher infatti li kien għadu qed jindirizza lil ħaddieħor (u mhux lill-imputat kif qed jiġi allegat minnu) fil-mument meta l-imputat aggredieħ. Dan infatti ġie kkonfermat ukoll minn dak illi xehed PC1390[7] kif ukoll minn PS1243.[8]

[7] Folio 60 tal-atti proċesswali.
[8] Folio 76 tal-atti proċesswali.

F'dan il-kuntest il-Qorti mhix konvinta li f'dak l-istadju PC1526 kien indirizza lill-imputat bil-mod kif xehed l-imputat billi jgħidlu ma jindaħalx u diskors ieħor, meta f'dak l-istadju l-imputat jidher biċ-ċar li ma kienx qed jindaħal bejn dak li kien qed jgħid PC1526 lil dak it-terz. L-imputat m'avviċinax lil PC1526 bil-kalma iżda bl-herra. L-imputat ikkarga lejħ irrabjat mill-ewwel u mhux għax mar biex *'jindaħal'* jew biex b'xi mod jassisti lill-Pulizija skond kif stqarr li għamel l-imputat meta xehed quddiem din il-Qorti. L-imputat jidher, f'mument minnhom, li ħareġ minn wara żewġ persuni biex jikkonfronta bil-herra lil PC1526 u fejn ftit sekondi wara fajjarlu dik id-daqqa.

Sfortunatament il-Qorti ma setgħatx tisma' d-dikors preċiż li ntqal jew li seta' sema' l-imputat f'dak il-waqt; iżda jidher li anki l-partitarju li kien qed jiġi mitkellem minn PC1526 kompla jargumenta ma' PC1526 filwaqt li Baldacchino avviċinah bl-herra. Din iċ-ċirkostanza tkompli tqajjem dubbju f'moħħ din il-Qorti dwar jekk effettivament PC1526 qatt indirizzax lill-imputat kif qed jallega l-imputat u f'każ pożittiv, b'liema mod kelmu.

In oltre l-Qorti tinnota wkoll mill-filmat li x-xhud Taj Eddin Arab ukoll dawwar l-attenzjoni tiegħu lejn PC1526 fil-mument **qabel** l-imputat aggredixxa lil PC1526 fejn jidher li qed jisma' dak li kien qed jgħid PC1526. Biss Arab madankollu ma jgħid xejn dwar diskors dispreġġattiv fil-konfront tal-imputat minn PC1526 u effettivament jgħid

li ma sema' xejn minn dan kollu u li ma ra xejn lanqas, apparti li nqalgħet il-kommozzjoni f'daqqa waħda.

Għal dak li jirrigwarda dak li xehed Daniel Attard,[9] li suppost ra l-inċident kollu, hu stqarr li l-imputat avviċina paċifikament lil PC1525 u li lanqas raħ jagħti daqqiet. Din iċ-ċirkostanza pero hija ampjament kontradetta mill-filmat li rat din il-Qorti u b'hekk din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq din il-verzjoni.

In oltre għal dak li jirrigwarda dak li xehed James Mc Kay[10] jirriżulta wkoll li partijiet minn dak li stqarr hu fid-deposizzjoni tiegħu ġew kontradetti minn dan il-filmat filwaqt li dawk il-partijiet tad-deposizzjoni tiegħu li ġew ikkoroborati mill-filmat imsemmi ftit jagħtu sostenn għat-tezi difensjonali.

Illi in oltre din il-Qorti nnutat ukoll li wara li PC1526 laqqat dik id-daqqa mingħand l-imputat, hu qabad l-*isnare drum* u għollieha u tefagħħa fid-direzzjoni tal-partitarji. Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disaprovazzjoni tagħha għal din l-azzjoni da parti ta' PC1526, tenut kont tal-kariga tiegħu u fejn suppost hu kellu jkun t'eżempju ta' komportament denju anki f'sitwazzjonijiet ta' kommozzjoni bħal dawn. Anke jekk jista' jingħad li din l-azzjoni da parti ta' PC1526 setgħet kienet azzjoni b'ritaljazzjoni għad-daqqa inġusta li huwa kien għadu kif laqqat

[9] Xhieda datata l-24 ta' Jannar 2018
[10] Xhieda datata d-29 ta' Novembru 2017

mingħand l-imputat, din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dak li huwa ovvju li deher jagħmel PC1526 meta gara l-*isnare drum* fuq il-partitarji.

Għalhekk il-Qorti tordna lil Kummissarju tal-Pulizija biex jistħarreġ dan l-episodju u l-aġir tal-istess PC1526 f'dan il-kuntest u ċirkostanzi. Dil-Qorti pero tqis li l-allegazzjoni tal-imputat li PC1526 qal kliem offensiv fir-rigward tal-imputat ma ġiex ippruvat sal-grad tal-probabbli. Lanqas m'huwa minnu li kien hemm xi persuni feruti bl-aġir ta' PC1526 meta gara l-*isnare drum.* Verament jidher li kien hemm partitarji tal-Belt, inkluż tfal, fejn il-partitarji tal-Belt u jidhru li qedgħin jilqgħu l-*isnare drum.* Għalkemm din l-azzjoni ta' garar ta' snare drum setgħa kellha konsegwenzi serji, u filwaqt li tidher tifla fil-qrib ta' dan l-inċident, irriżulta li din it-tifla ma ma ġietx feruta. Dan infatti kien ġie anki kkonfermat mill-Ispettur Robert Vella meta xehed nhar il-11 ta' Marzu 2015 li effettivament indaga fuq din l-allegazzjoni u fejn ġie kkonfermat minn omm it-tifla in kwisjtoni li ma soffriet l-ebda feriti. Kwindi fid-dawl ukoll tal-filmat li ġie analizzat minn din il-Qorti u dak li ġie riskontrat minnha, din l-allegazzjoni dwar feriti kkaġunati lil terzi mill-vittma qed tiġi interament skartata.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kontestati lill-imputat.

*Ikkunsidrat:*

Illi r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet ukoll jirriżultaw ampjament ippruvati u dan anki konsegwentement mill-provi in sostenn tal-ewwel tlett imputazzjonijiet. L-istess jingħad rigward il-kontravenzjoni ravviżata fis-sitt imputazzjoni li ser tiġi assorbita ai fini ta' piena.

*Ikkunsidrat : -*

Illi fir-rigward tal-ksur tal-liberta kundizzjonata din il-Qorti rat is-sentenza eżebita mill-Ispettur Robert Vella datata d-9 ta' Diċembru 2012[11] fejn jirriżulta li l-imputat kien ġie liberat kudizzjonalment ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u dan għall-perijodu ta' sentejn. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-imputat, li ser jinstab ħati ta' dawn l-akkużi effettivament kiser dawn il-kundizzjonijiet in vista tal-fatt li hu kkometta dawn ir-reati qabel l-iskadenza ta' sentejn kif imposti fuqu fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2012.

In oltre l-ispettur Vella eżebixxa wkoll sentenza oħra datata l-25 ta' Mejju 2012[12] fejn l-imputat instab ħati wara ammissjoni u ġie kkundannat iħallas multa. Għaldaqstant, kemm fid-dawl ta' din is-setenza kif eżebita kif ukoll in konsiderazzjoni tal-fedina penali tal-

[11] Folio 46 tal-atti proċesswali.
[12] Folio 43 tal-atti proċesswali.

imputat, l-addebitu tar-reċidiva ser jiġi wkoll applikat fl-ikalibrar tal-piena f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat:***

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat li mhijiex waħda netta u li tirrefletti li l-imputat kien diġa ġie mixli u nstab ħati ta' komportament simili fejn diġa nstab ħati tal-ksur ta' regolamenti taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 10.33 kif ukoll nuqqas ta' ubbidjenza fil-konfront ta' membru tal-Korp tal-Pulizija ieħor apparti feriti gravi kkaġunati lil persuna oħra f'każ ieħor u dan fuq medda ta' sentejn.[13]

Qieset ukoll li skond ġurisprudenza nostrana r-reati bi ksur tal-artikoli 95 u 96 jimmeritaw li jiġu kkastigati b'pieni li huma karċerarji u effettivi.[14]

Qieset ukoll id-dettami tas-sentenza ***Pulizija vs Josef Abela*** fejn ġie sottomess illi:

> huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina

[13] Bejn il-25 ta' Mejju 2012 u t-13 ta' Frar 2014.

[14]Ara fost oħrajn il-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija Vs Felice Ivan (John)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar l-04/06/2002:

> Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (Attakk jew Resistenza lil Ufficjal Pubbliku) huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti - bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom - ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija.

sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi'.[15]

Finalment qieset ukoll dak li rriżulta mill-provi f'dan il-każ fir-rigward tal-involviment tal-imputat fit-team tal-*football* tal-Belt Valletta, u dak il-progress reġistrat fl-imġieba tiegħu, li ġie wkoll rifless fit-trattazzjoni tal-partijiet[16] fejn skond il-Prosekuzzjoni stess, midħla sew tal-komportament tal-persuni magħrufa li jmorru l-istadium jaraw il-*football* jew li jkunu involuti ma timijiet tal-*football*, l-imputat kien rabba' relazzjoni tajba ħafna mal-Pulizija b'mod li kien sar effettivament jassistihom matul il-logħob fil-*grounds* biex iżomm il-kalma u l-ordni fost il-partitarji. Illi dan huwa fattur pożittiv immens li għandu jittieħed in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena infliġġenda inkwantu juri element ta' rimors u riabilitazzjoni fil-mori tal-proċeduri infushom.

F'dan is-sens din il-Qorti rat diversi każijiet deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali bħal każ ***Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia*** deċiża nhar id-9 t'Ottubru 2008, fejn f'dak il-każ l-imputati kienu speċifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati, huma kienu ammettew għall-istess imputazzjoni u l-Qorti tal-Maġistrati kienet qegħdithom taħt ordni ta' *probation*. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' *probation* fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li ħassritha fil-

[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.
[16] Datata l-24 ta' Jannar 2018.

konfront ta' Justin Farrugia minħabba li dan wera biċ-car li ma riedx joqgħod għall-ordnijiet tal-*Probation Officer* assenjat lilu.

Prinċipju simili ġie ribadit aktar riċenti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Andrew Formosa*** deċiża nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet li tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' *probation* għal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati kienet mhux biss sabitu ħati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali ħasset li l-imputat, ukoll għar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Hatherly*** hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan il-każ partikolari, il-Qorti tqis li, in bażi għall-provi prodotti u għar-raġunijiet spjegati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża f'dawn iċ-ċirkostanzi, piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja u li huwa fl-interess tal-Ġustizzja li dan l-imputat għandu jiġi mogħti l-**aħħar ċans** li juri kemm verament inbidel fl-atteġġjament tiegħu mal-Pulizija u li għalhekk jibbenefika minn ordni li ma jwassalx għall-karċerazzjoni immedjata tiegħu u dan peress li l-imputat ipprova li huwa kien għamel progress sostanzjali fl-atteġġjament tiegħu a sodisfazzjon tal-Qorti. Mill-banda l-oħra minn issa din il-Qorti twissi lill-imputat li fil-każ ta' ksur

tal-ordna tagħha, hija ma jkollhiex alternattiva għajr ħlief li tħassar l-ordni ta' probation u tgħaddi sentenza ta' priġunerija kontra l-ħati.

# ***Deċide***

Illi wara li rat l-artikoli 95, 96, 214, 215, 221(1), 222(1)(c), 17, 20, 31, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti 6, 7, 8 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.33 kif ukoll l-artikoli 22, 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Jean Pierre Baldacchino ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u tordna li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tlett snin (3) u tikkundannaħ iħallas multa ta' erbat elef Euro (€4000).

Inoltre, ai termini tar-regolament 9(2) tal-leġislazzjoni sussidjarja 10.33, din il-Qorti tordna li l-imputat ma jattendix *grounds* ta' sports għall-perijodu ta' disa' xhur (9).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza.

***Aaron Bugeja***
***Maġistrat***